**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DECIZJONI NRU. 2171**

KAZ 2769/GBC

Fil-Kwistjoni tax-xoghol

bejn

Mary Cassar

u

Madre Christina Kannangara fil-vesti taghha bhala Madre Superjuri tal-Little Sisters of the Poor

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta.*

Data : 17 ta' Settembru, 2012.

**Chairman : George Borg Cardona**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali b'Rikors prezentat fir-Registru tal-Qorti fit-30 ta' Marzu 2010.

It-Tribunal zamm 11-il seduta.

Mary Cassar, aktar il-quddiem tissejjah l-"appellanti" kienet assistita mill-Avukat Joanne Vella Cuschieri u s-Socjeta' Religjuza "Little Sisters of the Poor" aktar il-quddiem tissejjah is-"Socjeta" kienet rapprezentata minn Madre Christina Kannangara u Sr.Maria Anna Bonavia assistiti mill-Avukat Kris Busietta.

Fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz l-appellanti qalet li l-impjieg taghha gie terminat minghajr raguni valida. Hija kienet tat servizz tajjeb ghal madwar 34 sena izda fl-ahhar sena kien hemm attitudni ta' prejudizzju kontra taghha minhabba li kienet hadet inizjattiva biex impjegati ohra jidhlu fil-GWU. Minhabba l-agir tas-Socjeta ma kellha ebda alternattiva hlief li tiffirma ittra ta' rizenja ppreparata mis-Socjeta' u pprezentata lilha ghal gharrieda.

Is-Socjeta ikkontendiet li t-tkeccija saret imhabba ragunijiet imputabbli biss lill-appellant u d-decizjoni ta' terminazzjoni ta' l-impjieg saret minhabba l-attitudni, l-imgieba u l-komportament hazin taghha.

It-Tribunal innota li fil-formola ta' tmiem ta' l-impieg ta' l-ETC ir-raguni tat-tmiem giet dikjarata bhala "resigned". L-appellant tghid li ffirmat l-ittra ta rizenja meta din giet prezentata lilha ghax hasbet li qed tifferma ghall-hlas li kienet qed tinghata. Minn naha l-ohra s-Socjeta' tghid li kecciet lill-appellanti ghal ragunijiet dixxiplinarji.

It-Tribunal ikkonsidra x-xhieda ta' Helen Fenech :

- li l-Madre qaltilha li ddecidew li jwaqqfu l-appellanti mix-xoghol ;
- li offriet li tirranga l-affarjiet hi ma' l-appellanti ;
- li kellmet l-appellanti u kkonvincietha li ahjar tirrizenja milli titkecca ghax ikun ehfef biex issib xoghol iehor ;
- li l-appellanti qaltilha li diga ghandha xoghol iehor u li dan kien full-time ;
- li rrangat biex l-appellanti tmur tiffirma l-ittra ta' rizenja ;

u x-xhieda ta' l-appellanti :

- li x-xoghol li kellha u li kienet ilha tghamlu ghal snin kien biss part-time ;
- li ma giex spjegat lilha li kienet qed tifferma ittra ta' rizenja u kien minn ghaliha li qed tifferma ghall-hlas li kien dovut lilha u li kienet qed tinghata.

It-Tribunal wasal ghal konkluzjoni li ;

- ma ngiebux provi biex jissodisfaw it-Tribunal li r-raguni ghat-terminazzjoni kienet l-agir ta' l-appellant biex issieheb impjegati ohra fil-GWU ;
- ghalkemm kien hemm xi nuqqasijiet minn naha ta' l-appellanti dawn ma kienux ta' natura serja biz-zejjed biex jiggustifikaw tkeccija ta' mpjegata li kienet tat servizz tajjeb u lejali ghal 34 sena ;
- il-procedura li ntuzat biex giet iffirmata l-ittra ta' rizenja ma jizgurawx li l-appellanti kienet nfurmata dwar il-kontenut u li kienet taf sewwa x'qed tiffirma ;
- l-appellanti zbaljat meta qalet lill-Helen Fenech li kienet diga sabet xoghol alternattiv full-time ghax dan wassal biex tigi preparata l-ittra ta' rizenja.

Hija evidenti mid-Dikjarazzjoni tal-Kaz tas-Socjeta' u mill-argumenti li ghamlet waqt il-kaz li kienet iddecidiet li tkecci l-appellanti u li l-ittra ta' rizenja kienet biss rizultat ta' l-intervent ta' Helen Fenech. Din ikkonvinciet lill-appellanti li darba li kien se jigi terminat l-impieg taghha kien jaqbillha li tirrizenja flok titkecca ghax ikun ehfef li ssib xoghol iehor. Dan juri li d-decizjoni ta' tkeccija ttiehdet qabel ma ntuzat s-soluzzjoni ta' rizenja. L-appellanti zbaljat meta qalet lill-Helen Fenech li diga kienet sabet xoghol alternattiv full-time ghax dan wassal biex din tahseb li ittra ta' rizenja kienet l-ahjar soluzzjoni ghal kullhadd.

Wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz it-Tribunal jiddeciedi li saret tkeccija li ghaliha ma kienx hemm raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi.

It-Tribunal ha konsiderazzjoni li l-ittra ta' rizenja kienet rizultat tad-dikjarazzjoni ta' l-appellanti li diga kienet sabet xoghol alternattiv u ghalhekk kellha parti mill-htija li ntuzat l-istrategija ta' rizenja u qies ukoll li sabet xoghol alternattiv full-time madwar sitt xhur wara t-tkeccija.

Ghalhekk jiddeciedi li s-Socjeta ghandha thallas kumpens ta' €1,200 (elf u mitejn ewro) lill-appellanti  fi zmien 6 gimghat mid-data ta' din d-decizjoni.

Minhabba n-numru ta' seduti u nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibli li dan il-kaz jigi deciz fiz-zmien stabbilit fil-ligi.

Ghall-fini ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' € 94 (erbgha u disghajn ewro).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Iffirmat :  George Borg Cardona
Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea
Segretarja